Dun Hector Scerri

# It-tgħanniqa u l-bewsa tal-missier

Fost ir-rigali kbar li ħallielna l-Mulej Ġesù permezz tal-mewt u l-qawmien tiegħu għall-ħajja hemm is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni u l-Penitenza. Permezz tal-ħajja ġdida li huwa kiseb bil-qawmien tiegħu, il-Mulej jagħni lilna li nemmnu fih bil-grazzja li nerġgħu nitħabbu miegħu wara li konna tbegħedna minnu permezz tad-dnub. Il-ħajja ġdida ta' Ġesù Rxoxt tasal għandna permezz tas-sagramenti. Permezz tal-qrar aħna ningħataw id-don tal-maħfra u nerġgħu paċi ma' Alla.

Id-dnubiet tagħna ixellfu jew ikissru r-relazzjoni tagħna ma' Alla. Permezz tal-qrar nirċievu l-fejqan. Il-Mulej Ġesù, it-tabib ta' ruħna u ġisimna, li ħafer id-dnubiet ta' ħafna waqt il-missjoni pubblika tiegħu, ried li l-Knisja tkompli dan il-ministeru prezzjuż tiegħu bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu.

Kull bniedem huwa msejjaħ għall-konverżjoni. Minħabba d-dgħufija tiegħu, il-bniedem spiss jonqos lil Alla u lill-proxxmu tiegħu. Il-mixja ta' l-indiema diġa' minnha nfisha hija frott tal-grazzja ta' Alla. Fi kliem ieħor, il-bniedem iħoss ir-rimors għall-ħażin li jkun għamel, jiddispjaċieh, u jibda t-triq tar-ritorn lejn dar il-Missier, kif naqraw fil-parabbola meraviljuża ta' l-iben il-ħali (Lq 15, 11-32 ). Din hija l-esperjenza ta' kull wieħed u waħda minna.



F'dan l-artiklu qasir dwar it-teoloġija tas-sagrament tal-qrar ma nixtieqx noqgħod intenni dak li diġà nafu. Dan l-aħħar ukoll, weġibt għadd ta' mistqosijiet dwar dan is-sagrament fir-rivista *Flimkien* (Frar 2008). Mhemmx lok għal ripetizzjoni. Xtaqt noffri ftit riflessjonijiet spiritwali u pastorali fid-dawl ta' l-esperjenzi qawwija li naqraw dwarhom fil-parabbola li għadni kemm semmejt.

**1. Il-libertà tagħna bħala wlied.**
Għalkemm l-iben iż-żgħir naqas bil-kbir meta talab is-sehem ta' wirtu meta missieru kien għadu ħaj (qisu qallu: "Pa, int għalija qisek mejjet!"), missieru jħallih fil-libertà. Tah sehmu. M'għamillux kundizzjonijiet. Irrispetta l-libertà ta' ibnu. Ma żammux milli jitlaq. L-iben iż-żgħir għamel *użu ħażin tal-libertà*. Alla jirrispetta l-libertà tagħna. Kif qed tuża din il-libertà?

**2. L-iben sab ruħu fil-miżerja.**
Wara perjodu ta' ħajja



diżordinata mmarkata b'nuqqas ta' kontroll, l-iben sab ruħu fil-qiegħnett. Daq il-kruha tal-vojt, tad-dlam, tal-guħ, ta' l-emarġinazzjoni. *Id-dnub jifridna minn Alla u minn ħutna fil-Knisja.* Ngħidu kemm hu ikrah id-dnub, u safrattant nerġgħu nirrepetuh! Kemm int kapaċi tikkontrolla lilek innifsek? Malajr iġorrok miegħu l-kurrent tad-dinja?

**3. Il-mument tal-verità dwaru nnifsu.**
L-iben jirrealizza li jinsab fil-ħama. Jagħraf is-sitwazzjoni li biha ċċappas. Però ma jiqafx hemm. Jara xaqq dawl. Jieħu deċiżjoni kbira li ssir *turning point* fil-ħajja tiegħu. Kemm int sinċier miegħek innifsek? *L-indiema vera titlob minnek din is-sinċerita'* dwar ir-realtà tiegħek. Kemm hija awtentika l-indiema tiegħek?

**4. Il-vjaġġ tar-ritorn.**
"Ħa nqum u mmur għand missieri" (Lq 15,18). Id-deċiżjoni li l-iben ħa, *issa ssir konkreta.* Jattwaha. Jitlaq minn fejn kien, u jmur lura. Min jaf xi ħsibijiet għaddew minn moħħu? Min jaf x'immaġina dwar missieru?

Ftakar fl-ingratitudni tiegħu, u li abbuża mil-liberta' li tah missieru. Issa jrid iħares lejn missieru u jitolbu skuża. Kif inhi t-triq tar-ritorn tiegħek?

Imserrpa ħafna? Dritta u bla telf ta' żmien? Kif inhi?

**5. L-istennija tal-missier.**
Il-missier ma marx ifittex lil ibnu biex iġibu lura. Għalkemm iħoss għalih u jixtiequ miegħu, kompla jirrispetta d-deċiżjoni żbaljata tiegħu. *Hekk jaf iħobb.* Però nemmen li l-missier kien fiduċjuż ukoll li ibnu għad jerġa' lura. Nisthajlu jistenna fuq il-bejt, jgħarrex fil-bogħod. U meta rah fil-bogħod, tikka żgħira tiċċaqlaq, għarfu minnufih mill-mixja tiegħu. Ma felaħx jistennieh jasal. Ma riedx jarah dieħel rasu baxxuta u umiljat. Mar jiġri jilqgħu. Kiser kull regola ta' etikett! *Hekk jirraġuna!* Ma stenniehx jidħol id-dar biex jiskuża ruħu. Raġel ta' dinjità u sid għani... u tarah jiġri! Mhux soltu jiġri hekk! *Imma Alla hekk jirraġuna.*

Kemm int konvint li l-Missier dejjem qed jistenniek? Taf li dejjem jaċċettak lura?

**6. It-tgħanniqa u l-bewsa tal-missier.**
Il-missier, bla nifs, u bid-dmugħ f'għajnejh, jgħannaq b'ħerqa lill-iben. Lanqas biss jagħtih ċans jiskuża ruħu. Mhemmx kliem ta' rabja jew ta' ċanfir mill-missier. Hemm biss il-ferħ għax reġa' lura.

Kemm kien qawwi l-pinzell ta' Rembrandt u dak ta' Murillo meta immortalizzaw din it-tgħanniqa taħraq u eterna! Imma kemm hu aqwa s-sagrament tal-qrar! Il-pitturi jispirawk bid-dettalji li tara fihom. *Kull darba li midneb jerġa' lura għas-sewwa tkun seħħet festa kbira fil-qalb ta' Alla u fil-qalb tal-imfejjaq.* B'liema atteġġjament qiegħed tersaq għas-sagrament tal-qrar? Kemm int konvint mill-ħtieġa ta' konverżjoni vera? Tqerr regolarment u ta' spiss? Kull darba li tqerr, tħoss il-ferħ u l-paċi tal-Mulej?

**7. L-iben jerġa' għad-dinjita' li kellu qabel.**
B'diversi ġesti, il-missier wera r-realtà tar-rikonċiljazzjoni sħiħa: il-libsa tad-dinjità ġdida, is-sandli li jxidd dak li mhuwiex ilsir, iċ-ċurkett tar-rabta l-ġdida, il-festa kollha ferħ. Hawn insibu l-qofol tas-sagrament: għandna l-ġmiel ta' l-esperjenza dejjem ġdida *"tal-bniedem li jerġa' lura għand Alla u lura fi ħdan il-familja tiegħu li hi l-Knisja"* (*Katekiżmu*, par.1439).

**8. L-ebusija ta' qalb l-iben il-kbir.**
Fir-rakkont ta' Lq 15, niffukaw – kif mistenni – fuq il-missier kollu ħniena u l-iben iż-żgħir. Forsi ħafna drabi ninsew l-imġieba ta' ħuh il-kbir: is-sorpriża meta sema' x'kien għadu kemm ġara, ir-rifjut li jidħol ġewwa, jesaġera d-dnub ta' ħuh. Nimmaġina l-missier jitkarrablu, bid-dmugħ f'għajnejh biex jidħol ġewwa u jkun hu wkoll parti mill-festa. Dan l-iben jista' jkun int jew jien. L-iben il-kbir ikejjel. Jinsa li huwa kien dejjem f'dar missieru. Ma japprezzax din ir-realtà kbira. Qalbu kienet mili 'l bogħod mill-imħabba ta' missieru. X'kien qed jitlef! *Qalb missieru taħraq u tħabbat għalih ukoll... imma hu kellu qalbu kiesħa u mejta!* X'ħasra meta aħna li suppost ta' ġewwa mal-Missier, nibirdu bil-kbir! Qatt kont iebes ma' xi ħadd li wera ħniena mal-midneb? Qatt għalaqt il-bieb ta' qalbek lil min talbek maħfra?

F'din il-parabbola għandna l-isbaħ kwadru li qatt tpitter mill-artist divin. It-teoloġija kollha ta' dan is-sagrament insibuha f'kull daqqa tal-pinzell ħanin f'id Kristu fuq it-tila tal-ħajja. Għalkemm din il-parabbola nafuha u ppriedkajna fuqha kemm-il darba, *ir-rakkont jibqa' dejjem wieħed ġdid.* Ġdid u sabiħ, u jirrepeti ruħu kull darba li midneb imur f'riġlejn is-saċerdot biex jirċievi l-maħfra tal-Mulej. P



## ***Punti għas-saċerdoti***

1. Kemm qed nagħmlu esperjenza personali tal-ħniena tal-Mulej? Inqerru regolarment u ta' spiss? Konfessur tajjeb huwa wkoll penitent tajjeb.

2. Kemm qed infakkru lill-penitenti fil-ħniena infinita ta' Alla? Kemm qed ninkuraġġuhom jgħixu ħajja sabiħa u sħiħa?

3. Kemm aħna disponibbli li namministraw dan is-sagrament? Kemm qed nixbhu lill-missier il-ħanin tal-parabbola?

4. Kemm qed inwasslu b'fedeltà t-tagħlim tal-Knisja waqt li niċċelebraw dan is-sagrament?

## ***Punti għal kulħadd (lajċi u saċerdoti)***

1. Kemm napprezzaw dan is-sagrament? Kemm inħejju ruħna tajjeb għaċ-ċelebrazzjoni tiegħu? Hija tassew vera l-indiema tagħna?

2. Kemm qed ikun għalina esperjenza ta' ferħ u ta' paċi?

3. Kemm qed nikkonfronta ħajti mal-Kelma t'Alla biex nara ftit fiex qed nonqos? Il-Kelma t'Alla hija ċavetta biex inqerr tajjeb.

4. Kemm inrrodd ħajr lil Alla tal-grazzja li nkun irċevejt kull darba li nkun irċevejt il-maħfra tiegħu?